ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**MINUTI 1**

**Laqgħa tal-Ezekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

**IT-TMIEN LEGISLATURA**

**Laqgħa Numru 1**

**It-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2017**

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ltaqgħet fl-Uffiċju Amministrattiv tagħha li jinsab fl-indirizz Bini Gvern Lokali, Triq il-Gvern Lokali, il-Marsa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr Samuel Azzopardi - Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Mifsud - Membru
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sinjorina Graziella Galea – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru

**ASSENTI b'APOLOGIJA**

Is-Sur Joseph Cordina - Membru.

**UFFIĊJAL PREZENTI**

Isabella Testaferrata De Noto - Segretarja Ezekuttiva

**Minuti**

Is-Sur Mario Fava ippresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.40 ta' filgħaxija.

## 1.1 Qari tal-ittri ta' apologiji

1.1.1 Is-Segretarja Ezekuttiva ipprezentat u qrat l-ittri ta' apologija tas-Sur Joe Cordina. Fuq proposta tal-President, is-Sur Fava li giet issekondata mis-Sur Fenech Adami, l-Ezekuttiv aċċetta unanimament din l-apoloġija.

## 1.2 Sospensjoni tal-Agenda

1.2.1 Is-Sur Fava talab sospensjoni tal-agenda sabiex jigi diskuss affarijiet relatati mal-minuti.

## 1.3 Affarijiet relatati mal-Minuti

1.3.1 Is-Sur Fava qal li fil-jiem li gejjin kienet ser issir laqgħa mas-Sur Robert Tabone sabiex ikompli jigi diskuss il-Patt tas-Sindki.

1.3.2 Is-Sur Fava semma li fi ftit jiem oħra kienet ser issir laqgħa ma' Transport Malta, l-Avukat tal-Assocjazzjoni sabiex jigi terminat il-kuntratt tal-Bus Shelters, mal-kumpanija Faces.

1.3.3 Is-Sur Fava qal li l-*Malta Industrial Park* kienet talbet €4000 fis-sena kera addizzjonali għal partijiet tal-binja li ma kienux jagħmlu parti mil-ftehim originali li kien hemm bejn l-AKL u l-MIP. B'hekk l-Assocjazzjoni kien ser ikollha t-titlu fuq il-binja intera. L-Ezekuttiv qabel unanimament li jinkera l-kumplament tal-binja għall-prezz imsemmi fuq proposta tas-Sur Fava li giet issekondata mis-Sur Aquilina.

1.3.4 Is-Sur Fava semma li kienu saru diversi tentattivi biex issir laqgħa ma' DDE Attard dwar il-composter tal-Progett SCOW. Infatti, l-laqgħa li kellha ssir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2017 fid-9 ta' filgħodu, kienet reggħet giet ikkancellata minn DDE Attard. Is-Sur Fava qal li qed ninsistu li ssir fil-jiem li gejjien.

1.3.5 Is-Segretarja Ezekuttiva qalet li *Funds and Division Programmes* kienu bgħatu korrispondenza fejn ikjarifikaw li meta ma jkollokx offerenti, ir-regolamenti jippermettulek li tmur direttament. Jekk l-offerent magħzul ikun *compliant* u nefqa hija ta' aktar minn €10,000, il-gustifikazzjoni trid tkun approvata mill-Kumitat Ezekuttiv u mid-*Direct Orders Office-MFIN*. Is-Segretarja Ezekuttiva qalet li hemm diffikulta' biex jibda l-progett AMIF peress li l-uniku offerent kien propona li taħrig isir b'mod differenti milli dak li ġie specifikat, li l-lezzjonijiet ikunu bl-ingliz għal l-ingliz u isiru fil-binja tagħhom.

1.3.6 Is-Sur Fava qal li ser ninfurmaw lill-*Funds and Division Programmes* bid-diffikultajiet li qed niffaċjaw u nitolbu linja gwida kif ser nipproċedu. Is-Sur Fava qal li fin-nuqqas ta' dan, nikkunsidraw li noħorgu mill-progett wara li jigi stabilit jekk hemmx multi li rridu nħallsu.

1.3.7 Is-Sur Fenech Adami qal li l-applikanti kellhom jigu integrati kollha flimkien u mhux segregati skont in-nazzjonalita' tagħhom.

1.3.8 Chev Farrugia semma li jekk jigi approvat tibdil fl-applikazzjoni, tinħareg sejħa gdida sabiex kull min ikun interessat jista' japplika bl-ispecifikazzjonijiet il-godda.

1.3.9 Is-Sur Fava semma li jidher li hemm qbil dwar li zgħazagħ ta' 16-il sena ma jkunux eletti Sindki u fid-dawl ta' dan, id-diskussjoni trid tkun jekk dawn għandhomx jikkontestaw.

1.3.10 Is-Sur Fava semma li kienet ser issir l-aħħar laqgħa sabiex jigi konkluz il-pjan ta' azzjoni tal-Immanigjar tal-Iskart fuq il-linja diskussa mal-Ezekuttiv u l-laqgħa Plenarja.

1.3.11 Is-Sur Fava semma li l-*White Paper* dwar Swieq fil-Beraħ kienet lesta u fiha gew inkludi il-proposti tal-Assoċjazzjoni. Din kienet ser tigi prezentata lill-Kabinett qabel toħrog għal konsultazzjoni pubblika.

1.3.12 Is-Sur Fava semma li l-laqgħa tas-Sindki kienet ser issir f'Għawdex nhar il-Gimgħa u s-Sibt, 16 u 17 ta' Dicembru kif kien maqbul mill-Kumitat Ezekuttiv. Kienu gew mistiedna l-*Minority Leaders* u s-Segretarji Ezekuttivi. Is-Sur Fava semma li l-Agenda kienet lesta u ntbgħatet lill-Kumitat Ezekuttiv.

1.3.13 Is-Sur Fava semma li r-riċeviment għall-kunsilliera kien ser isir nhar it-28 ta' Dicembru 2017 gewwa l-Palazz Verdala.

1.3.14 Is-Sur Fava semma li kellhu laqgħa mar-rapprezentant tal-Orkestra *St Paul Chamber Ensamble*. Dawn kienu jagħmlu attivitajiet ta' kunċerti, fil-lokalitajiet, kappelli u spazji miftuħa. Is-Sur Fava ppropona li ssir attivita' muzikali flimkien mal-Orkestra. Chev Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Ezekuttiv qabel unanimament li nefqa qal din l-attivita' tkun ta' €500.

1.3.15 Is-Sur Fava qal li kellhu laqgħa mas-Sur Joe Attard fejn gie diskuss kif setgħat tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-Assocjazzjoni u Green MT. B'rizultat ta' dan, ser issir laqgħa bejn iz-zewġ skemi sabiex jigi diskuss materji komuni bħal *Bring In Sites*.

1.3.16 Chev Farrugia qal li waqt laqgħa li attenda, l-Onorevoli Herrera semma li ser ikun hemm sistemi differenti fil-gbir tal-iskart minn dak prezenti.

1.3.17 Is-Sur Fava semma li kellhu laqgħat mal-NAO, il-Management taz-zewg skemi ta' ħaddiema mal-Kunsilli Lokali u rapprezentant tal-Core Platform. Kif ukoll kien qed jaħdem fuq il-punti li ħargu waqt il-laqgħa Plenarja sabiex ikun jista' jagħti *feedback* fuq dak li gie diskuss.

1.3.18 Is-Sur Fava qal li qed jigi diskuss progett pilota għal sitt Kunsilli Lokali li l-kuntratti tagħhom tal-knis kienu għalqu jew waslu biex jagħlqu. Kien qed jigi kkunsidrat li l-kunsilli lokali jkollhom kenniesa impjegati magħhom u l-Gvern joffri *contract manager*.

1.3.19 Is-Sur Aquilina qal li jekk il-kunsilli lokali ser jimpjegaw kenniesa magħhom u ser jizdiedu responsabilitajiet, trid tigi kunsidrata l-pozizzjoni tas-Sindku li ssir fuq bazi full time.

1.3.20 Is-Sur Fenech Adami qal li huwa kien favur li lokalitajiet zgħar jingħaqdu u jkollhom kuntrattur wieħed. Semma wkoll li l-kuntratturi diga kellhom diffikultajiet biex isibu kenniesa u qal li wieħed irid jikkunsidra dan il-fatt għax anke l-kunsilli lokali setgħu jsibu din id-diffikulta'.

1.3.21 Is-Sur Fava qal li kien hemm laqgħa mad-Direttorat tat-Tindif fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura u ma' rapprezentanti tal-Ministeru għat-Turizmu dwar tindif f'zoni turistici. Dan peress li t-taqsima kien qed ikollha tintervjeni biex tnaddaf zoni turistiċi li ma kienux qed jitnaddfu regolari mil-Kunsilli Lokali għalkemm li kienu qed jigu mgħarfa b'dan. Matul din il-laqgħa kellhu jigi diskuss li ħlas ta' dan it-tindif ser jintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jitnaqqas mil-allokazzjoni tal-kunsill lokali.

1.3.22 Is-Sur Fava semma li rapprezentanti tal-gazzetta l-Orizzont aċċettaw li jippubblikaw suppliment mingħajr ħlas b'artikli tal-AKL u l-kunsilli lokali. Is-Sur Fava talab sabiex isir ukoll ftehiem biex l-istess suppliment jigi ppubblikat fil-gazzetta n-Nazzjon mingħajr ħlas.

Dr Samuel Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-6.15 ta' filgħaxija .

Fis-6.15 ta' filgħaxija, s-Sur Fava talab li jkun skuzat.

Fl-assenza tal-President is-Sur Fava, l-Vici President Chev Paul Farrugia ippresieda l-laqgħa.

1.3.23 Is-Sur Fenech Adami qal li xtaq izid ma' dak li intqal fuq VOT 16. Huwa qal li zewg partiti kienu qed jiddiskutu din it-tema flimkien.

**1.4 Approvazzjoni tal-Minuti,**

1.4.1 Chev Farrugia talab li ssir korrezzjoni fil-minuti u taħt it-taqsima '52.5 Komunikazzjoni mil-President', taħt in-numru 52.5.4 jizdied il-kliem "Chev Farrugia qal li ma kienx jaqbel li zgħazagħ ta' sittax-il sena jikkontestaw għal Sindku'.

1.4.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 52 ġew unanimament approvati fuq proposta ta' Chev Farrugia, li ġiet issekondata mis-Sinjura Galea hekk kif emendati.

**1.5 Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

1.5.1 Fuq proposta ta' Chev Farrugia li giet issekondata mis-Sur Grech, l-Ezekuttiv approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-5 ta' Ottubru 2017 u l-31 ta' Ottubru li kienet tammonta għall-ammont ta' €33,435.61.

## 1.6 Xogħol ieħor tal-Assoċjazzjoni

1.6.1 Is-Sur Fenech Adami staqsa jekk kienx hemm risposta dwar għal liema raguni l-pulizija tal-investigazzjoni kienu ġew b'mandat biex jigbru dokumenti relatati mal-Progett SCOW.

1.6.2 Chev Farrugia qal li l-pulizija kienet bgħatet *email* jiem qabel fejn kienet talbet laqgħa, imma bi zvista s-Segretarja Ezekuttiva ma kinitx ratha. Chev Farrugia qal li l-Assoċjazzjoni koperat mal-investigatturi.

1.6.3 Is-Segretarja Ezekuttiva infurmat lill-Kumitat Ezekuttiv li kienu ġew depozitati € 12,000 fil-kont tal-Assoċjazzjoni dwar ħlasijiet pendenti. Hija infurmat lill-Ezekuttiv li kienet kitbet lill-Ministeru konċernat sabiex tingħata spjegazzjoni dwar liema ħlasijiet kienu qed jirreferu. Hija qalet li kienet irċievet numru ta' *invoices* għal servizzi relatati mal-Presidenza.

1.6.4 Is-Sur Mifsud qal li fl-laqgħa preċedenti kien intqal li dawn is-servizzi ma kienux ġew ordnati mil-Associazzjoni u għalhekk ma setgħux jitħallsu mil-Assoċjazzjoni.

1.6.5 Chev Farrugia qal li dawn il-flus kellhom jigu rrifonduti lura. Is-Sur Mifsud ssekonda din il-proposta.

1.6.6 Is-Sur Fenech Adami talab sabiex jingib aktar informazzjoni ta' min talab li l-Assocjazzjoni tħallas dawn il-kontijiet.

1.6.7 Is-Sur Fenech Adami talab sabiex tingib konferma dwar jekk il-kariga tal-Kumitat Ezekuttiv kemm lokali kif ukoll barra minn Malta bħala membri fi COR kellhomx jerġgħu jigu konfermati peress li l-Kumitat Ezekuttiv tal-AKL ġie elett mil-gdid.

1.6.8 Dr Azzopardi qal li sakemm il-membru jibqa' elett f'dik il-kariga, il-mandat tiegħu bħala membru fi COR jibqa' validu.

1.6.9 Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-Assisent Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokal dwar li l-Ministru laqa' ir-rakkomandazzjoniji tal-Kumitat Ezekuttivi biex il-postijiet tas-Sur Fava u Dr Azzopardi ma jigux dikjarati bħala vakanti għal assenza tagħhom tal-laqgħat fl-ewwel sitt xhur Jannar – Gunju 2017.

1.6.10 Is-Segretarja Ezekuttiva infurmat lill-Kumitat Ezekuttiv li kienet bgħatet ir-risposta lis-Sur Grech Espedito mil-OPM, dwar jekk l-impjieg tas-Sur Jimmy Magro kienx gie terminat peress li wasal fl-eta ta' rtirar. Fir-risposta s-Sur Grech Espedito gie infurmat li l-kuntrat tas-Sur Magro kien gie sospiz u mhux terminat. Kif ukoll li kellu kuntratt ta' servizz u mhux impjieg u għalhekk setgħa jigi ngaggat anke fl-eta tal-irtirar.

1.6.11 Fuq proposta tas-Sur Grech li giet issekondata mis-Sur Aquilina, l-Kumitat Ezekuttiv approva unanimament ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart għall-perjodu bejn Jannar – Settembru 2017.

Is-Sur Fava daħal għal-laqgħa fis-7.20 ta' filgħaxija.

1.6.12 Tressqet korrispondenza mibgħuta mir-Regjun Xlokk b'rikjesta sabiex japplika għal fondi li hemm allokati għalih għand l-AKL u li gejjin mil-Agenzija tal-Gwardjani Lokali (LESA). Ir-Regjun Xlokk talab dawn il-fondi biex jippubblika ktieb informativ, edukkativ u kulturali li jkopri ħmistax-il lokalita' li jifforma r-Regjun Xlokk. (Ittra annessa) Fuq proposta tas-Sur Aquilina li giet issekondata mis-Sur Grech, l-Ezekuttiv approva unanimament dan il-progett.

1.6.13 Fuq proposta ta' Chev Farrugia li giet issekondata mis-Sur Aquilina, approva unanimament li l-ammonti ta' €4515.15 u €2,079.50 jigu rifonduti lill-*Co-Financing* peress li meta sar ir-rapport finali tal-progetti E2Stormed u Smilegov irrizulta li kien sar *over payment.*

Fis-7.25 ta' filgħaxija, is-Sur Fenech Adami talab li jkun skuzat.

1.6.14 Is-Sur Fava semma li t-tgħamir elenkat m'għadux tajjeb għal uzu u għalhekk qed jipproponi li dawn l-assi jitneħħew u jigu rekordjati fil-kotba tal-Assoċjazzjoni. Is-Sur Mifsud ssekonda l-proposta tal-President u l-Kumitat Ezekuttiv qabel li dawn l-assi jigu dizposti.

| Write-off | | | Ref No |
|---|---|---|---|
| | 15 | Conference chairs | 164 |
| | 4 | Wooden Desks | |
| | 2 | Metal Desks | |
| | 4 | Standard Chairs | |
| | 6 | A.C. Air conditioner and Unit | 155,82,84,153 |
| | 1 | Office Shredder | 82 |
| | 1 | Filing Cabinet Ivory | 29 |
| | 1 | Sharp Digital Photocopier | 56 |
| | 1 | Projector | 93 |
| | 1 | Small cupboard | |

## 1.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

1.7.1 Fuq proposta tas-Sur Fava li giet issekondata mis-Sinjura Galea, l-Ezekuttiv qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 28 ta' Novembru 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.45 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Segretarja Ezekuttiva

Dawn il-minuti ġew approvat fit-tieni laqgħa tat-Tmien Legislatura li saret it-Tlieta, 28 ta' Novembru 2017

Mario Fava
President